# WAHX IL-BAQAR

*Ta'* Peter A. Caruana

MIN ma kienx jafu 'l Ġanni l-għannej f'Ħal Balzan? Kull fil-għaxija kulħadd kien jinġabar fil-ħanut ta' Nazju l-bajjad ta' fejn il-knisja biex jisma' 'l Ġanni li b'kitarra f'idu kien dejjem iqabbel xi għanja minn tiegħu.

Darba waħda, f'nofs ix-xahar ta' Frar, il-ħanut ta' Nazju kien maħnuq bix-xjuħ, li bil-qiegħda fuq xi banketta maqluba la ġenba, kienu jimlew l-arja b'riħa tqila ta' duħħan li kien ħiereġ mill-pipa li kellhom f'ħalqhom. Il-ħin beda għaddej ġmielu u għalkemm ix-xjuħ kienu kollha medhija fil-kliem u t-tipjip, intebħu li Ġanni kien għadu ma ġiex.

F'daqqa waħda qamet agħa kbira u Ġanni l-għannej deher fil-bieb bil-kitarra f'idu.

"Ara Ġanni!" instemgħu ħafna jgħajtu, donnhom ħasbu li huma kienu l-ewwel li rawh u xtaqu jgħarrfu lil sħabhom.

"X'hemm ħbieb tiegħi! Iddawwart ftit il-lum, imma allaħares ngħidilkom xi ġrali għax kieku żgur ħadd ma jmur jorqod id-dar bil-biża'!"

"U mela xi ġralek, Ġann?" instemgħu ħafna jistaqsu f'daqqa, għax mhux soltu li Ġanni kien jiġi b'dak il-ħafna meraq.

"Tajjeb, la tridu tafu, ngħidilkom. Qabel xejn, Naz, agħmilli pinta għax għandi griżmejja nħosshom nixfin, u fuq kollox ta' min jieħu qatra l-lum daqs kemm hi kesħa! Il-bieraħ filgħaxija kont għaddej minn fejn Grezzju tal-forn li joqgħod Birkirkara, u billi nzerta kien hemm xi erba' ħbieb tiegħi għajtuli biex ngħannilhom waħda. Emmnuni, ma kontx naf x'ser naqbad ngħanni, iżda billi kienet il-Gandlora, fettilli nqabbel għanja li naħseb ilkoll tridu tisimgħuha."

"Għidilna, għidilna," għajtu lkoll f'daqqa.

Ġanni lesta l-kitarra u subgħajh kienu diġà bdew iferfru fuq il-kordi meta nstama' jgħanni:

"Il-lum waslet il-Gandlora
Kulħadd jemmen f'ta' l-antik,
Meta joħroġ Waħx il-Baqar
Kollu laned u ċekċik.

Dawk ix-xjuħ missirijietna
Emmnu sew fil-ħmerijiet
Kienu jgħidu fil-Gandlora
Joħroġ Waħx fid-dlamijiet.

Hemm min igħid li fil-għaxija
Meta jidħol il-lejl sew,
Jaraw Baqra kollha ħeffa
B'ħafna landi lkoll jogħlew.

Kemm hawn nies li dawn ibeżżgħu
Lil uliedhom bil-ħorsien,
Iżda ħadd ma jgħid kemm jibża'
Meta jasal dan iż-żmien.

Ġanni waqaf f'salt wieħed bħal donnu ma xtaqx ikompli u kollu ħeffa niżżel xi erba' belgħat inbid mhux ħażin. Ix-xjuħ li kienu b'kurżità kbira qed jisimgħu dik il-għanja u lkoll xtaqu jkunu jafu kif spiċċat l-istorja, meta raw li Ġanni kien qata' mill-għanja, wieħed minnhom għajjat:

"Imma b'daqshekk m'hemm xejn mniex nibżgħu!"

"Tajjeb! La tridu tafu, inkompli l-istorja," qal Ġanni wara li kien xorob nofs it-tazza. "Il-lum, jien u ġej 'l hawn, kif wasalt ħdejn il-forn li għannejt fih il-bieraħ rajt lill-furnar fil-bieb li b'ħanġra daqshiex kien qed jgħajjat: 'Ġanni, Ġann, ejja isma' ftit x'biċċa ġrat dal-lejl!' Jien ma kont naf xejn u kollni kurżità dħalt fil-ħanut. Dak li smajt dak il-ħin qajjimli ġismi xewk xewk. Gerit il-Hoxna, dik li tiġi tbigħ il-ħalib fil-għodu, kienet ħamra daqs skorfna tipprova tfiehem lil xi erba' nisa oħra li ma ridux jemmnu dak li qalet hi.

"Ġann, isma' x'inhi tgħid Gerit," qalet Ċikka ta' Kexkex, "il-bieraħ rat il-Waħx il-Baqar fit-triq; ħa ħaj, x'biċċa din ukoll!"

"Le, mhux veru, jien m'għidtx li rajtu," għajtet Gerit b'saħna liema bħalha, "Iżda biss li smajtu jiġri barra."

Dak il-ħin sew daħal Toni l-Pispisellu li jbigħ il-ħaxix u kif sama' l-aħħar kliem ta' Gerit żied qal: "Hu minnu dak li qalet Gerit, u jien mhux lill-Waħx il-Baqar biss smajt, imma smajt raġel jiġri kemm jiflaħ."

"Ħa, ħaj! Prosit Ġann kemm werwirthom tajjeb b'dik il-għanja tal-bieraħ," qal Grezzju fil-waqt li tani daqqtejn fuq spallti bil-kif.

"Le, Grezz, mhux hekk", qabżet Marì l-Midilka, li dak il-ħin daħlet tixtri l-ħobż. "Aħna mhux għax bżajna mill-għanja, imma għax veru; ħadd ma jista' jmieri lil għajnejja u widnejja."

"Kif! mela int rajtu?" staqsiet mistagħġba Gerit, għax għalkemm hi kienet żgura li semegħtu, xtaqet kieku ratu wkoll u l-biża' kien li ma ħallihiex tqum mill-friex biex tittawwal mit-tieqa.

"U ngħid rajtux," wieġbet Marì.

"Għidilna kif inhu!" qabżu f'daqqa dawk li kien hemm għand il-furnar.

Bħal waħda li donnha kienet ser tagħmel xi priedka kbira, Marì, wara ħafna tixjir ta' idejn u xeni oħra, ħarġet ilsienha biex ixxarrab xofftejha bir-rieq, u qalet:

"Dal-lejl ma nafx kif ħassejtni, ma stajtx nagħlaq għajn ma' għajn. Fil-friex bdejt inddejjaq u bla ma ridt kelli ninżel mis-sodda u noqgħod nittawwal mit-tieqa. Fit-triq xejn ma kien jidher għajr il-fanal li hemm dejjem inemnem fuq il-beb tar-razzett ta' Karmnu. Ma nafx sew x'ħin kien meta bdejt nisma' għajjat ta' baqar u ħafna taħbit ta' landi. Jiena bdejt nibża' u dħalt ftit 'il ġewwa mit-tieqa. Harist lejn il-friex biex forsi nitħajjar nid-ħol norqod, iżda l-ħoss ta' ġiri reġa' ġagħalni nħares lejn it-triq. X'waħdadin! x'waħx rajt dak il-ħin!" qalet Marì fil-waqt li b'idejha t-tnejn għattiet għajnejha.

"X'rajt, Marì? Għidilna?" staqsiet Gerit li ġisimha kien ġà beda jirtogħod bil-biża'!

"Il-bieb tar-razzett ta' Karmnu kien miftuħ beraħ," kompliet Marì, "u baqra daqsiex kienet tiġri kemm tiflaħ b'barmil marbut m'għonqha. Warajha kien hemm raġel jiġri biex jipprova jilħaqha. Dik id-dehra ta' waħx ma tistax tmurli minn quddiem għajnejja, u kemm jgħajjat ikreh! qisu barri feroċi!" żiedet Ma-rż fil-waqt li tellgħet idejha ma' rasha biex taparsi ma tismax l-għajat.

Ma laħqetx spiċċat il-kelma li ma daħalx Karmnu tar-raz-zett u bla sliem xejn qagħad bil-qiegħda fuq xkora tad-dqiq.

Grezzju l-furnar, meta rah hekk, lanqas kelma, mill-ewwel induna li xi ħaġa kien ġralu għax ma kienx soltu tiegħu ma jgħid xejn, u:

"Xi ġralek, Karm," staqsieh, "kemm int ħosbien?"

"Ħallini, li ma jmurx jiġrili xi storja oħra bħal dal-lejl, ma għalaqtx għajn m'għajn...... Mgħarrqa ta' baqra...... kelli aptit noqtolha."

Kulħadd baqa' kwiet iħares daqqa lejn Karmnu u oħra lejn

Marì, għax fuq kollox dak li qalet din kien minnu.

Marì ħasset ruħha mkabbra għax qatt ma sabet min jaqbel magħha hekk bħal Karmnu, u:

"Ma kellux fejn jidħol Waħx il-Baqar," qalet, "mur obsor li kellu jiġi għandek, Karm!"

"X'inhu! Waħx il-Baqar; għandi?" għajjat Karmnu b'għajnejh imqabbża xiber 'il barra. "Waħx sabiħ. Aħjar li kien il-Waħx għax ma kontx nitħabat daqshekk żgur!"

"Mela xi ġralek, Karm?" staqsa Grezzju, għax dak il-kliem ta' Karmnu iżjed qajjem kurżità.

"Xi ġrali eh? Dik l-imgħarrqa ta' baqra għamlithieli. Il-bieraħ fil-għaxija nsejt nitma' l-baqar u meta ftakart kienu xi l-ħdax ta' bil-lejl. Pattithieli talli dewwimtha ftit bil-ġuħ. Kif ftaħt il-maqjel bdiet togħla kemm tiflaħ u bi qrunha qabditli l-barmil tal-ful. Telqet tiġri lejn il-bieb li b'daqqa ta' ras fetħitu beraħ. Ma kienx biżżejjed, taf; baqgħet ħierġa 'l barra tiġri fit-toroq... u jien?... miskin jien, niġri warajha biex naqbadha."

Kulħadd baqa' ssummat iħares, u allaħares ma kienx Grezzju biex kiser dak is-skiet.

"Ha, ħaj," instama' l-furnar jidħak, "mur obsor, Marì, li l-baqra li rajt int kienet ta' Karmnu u hu jiġri warajha!"

Kulħadd infexx jidħak kemm jiflaħ, minbarra Karmnu, li ħass id-demm tiela' għal rasu u bla kliem u bla sliem telaq 'il barra jgħaġġel kemm jiflaħ.

Hadd ma qal kelma oħra, u jien malajr ndunajt għalfejn bdew iħarsu lejja. Ma kienx hemm għalfejn jgħiduli biex ngħanni għax qabel ħriġt fajjart waħda tas-soltu:

Rajtu ftit dan Waħx il-Baqar
Kemm jagħmel affarijiet
Iżda intom aktar minnu
Għax temmnu fil-ħmerijiet.

Ġanni l-għannej waqaf għal ftit u, wara li tafa' ħarsa fuq kull min kien hemm fil-ħanut, kompla:

U issa ngħid kelma jien lilkom:
Waħx il-Baqar ħalluh kwiet
Għaliex jekk issemmu lilu
Tkunu tgħidu l-ħmerijiet.

Ġanni niżżel dak il-ftit inbid li kien baqagħlu u:

"Saħħa, ħbieb," għajjat, u ħareġ mill-ħanut.

"Saħħa, Ġann," għajtu dawk ix-xjuħ mifqugħin bid-daħk.

Nazju ma ħabbilx rasu għall-flus ta' l-inbid li xorob Ġanni, għax kien jaf li xi ħadd iħallas għalih.